**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 24 ta' Jannar 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 28/2017 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 1220/1995)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju elf disgħa mija u*

[1] Fol. 1.

*ħamsa u disgħin (1995) (Dokument JC);*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, D li llum hija maġġorenni u tgħix ġewwa dar residenzjali, E li sfortunatament huwa mejjet u F li sal-llum għadha minrenni u tirrisjedi mal-esponenti taħt il-kura effettiva tagħha;*

3. *Illi l-konvenut rrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, moħqrija, theddid u adulterju fil-konfront tal-istess attriċi u dana peress li huwa kien jippreferi jgħix ħajja ta' kriminalita' milli jieħu ħsieb l-interessi tal-familja tiegħu u dank if ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

4. *Illi minħabba f'dan iż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess konvenut;*

5. *Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu bl-istanti permezz ta' digriet mogħti minn din l-wisq Onorabbli Qorti (Digriet tal-awtorizzazzjoni anness u mmarkat Dok JC1);*

6. *Illi l-esponenti dejjem gabet ruħha ta' mara miżżewġa u żammet l-interessi tal-familja, u ta' uliedha fuq quddiem; u dana bil-kontra tal-konvenut li kien affiljat ma ċrieki kriminali u għażel dawn iċ-ċrieki b'detriment għal-ħajja familjari kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut l-għaliex mgħandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna u għar-raġunijiet fuq imsemmija li:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza l-attriċi sabiex tgħix separatament minn mal-konvenut;*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri F B li twieldet fl-għaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa f'idejn l-attriċi;*

3. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tieħu hi waħedha d-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri mingħajr il-ħtieġa ta' firem tal-intimat;*

4. *Tordna li r-residenza tal-minuri F B tkun mal-attriċi;*

5. *Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment għall-istess minuri li għandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attriċi filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lill-attriċi dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tiegħu mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu/jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmeta kull sena biex jirrifletti ż-żieda fil-għoli tal-ħajja;*

6. *Tillikwida somma globali sabiex tkopri l-bżonnijiet relatati ma' saħħa u edukazzjoni ta' F sakemm il-minui tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena u tordna lill-konvenut iħallas dik is-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti;*

7. *Fin-nuqqas tordna lill-intimat iħallas nofs l-edukazzjoni u saħħa sakemm ilminuri tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena;*

8. *Tordna li l-passaport tal-minuri F B għandu jkun f'idejn l-esponenti u li l-esponenti għandha d-dritt li tapplika waħidha għall-passaport tal-minuri mingħajr il-ħtieġa ta' ebda firma da parti tal-intimat;*

9. *Tordna li dan il-passaport għandu jinżamm esklussivament mill-esponenti u fil-kustodja tagħha;*

10. *Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attriċi;*

11. *Tillikwida ammont ta' manteniment dovut mill-konvenut lill-esponenti u konsegwentament tordna lil konvenut sabiex iħallas lill-esponenti dik is-somma mensili hekk likwidata;*

12. *Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte talartikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluża l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-attriċi;*

13. *Ixxolji u tillikwida l-propjeta komuni li hemm eżistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'żewġ porzjonijiet mhux neċessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenut huwa unikament ħati għas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-attriċi u porzjon lill-konvenut ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar biex jirċievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

14. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi l-beni kollha dotali u/jew parafernali tagħha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-awża, u dana fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan, tikkundannah iħallas lill-attriċi dik is-somma li għandha tiġi liwkwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappreżentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-proċeduri kollha quddiem l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni preċedenti għal dan ir-rikors, kontra l-konvenut li hu minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi dwar l-ewwel, l-għaxar talbiet u tnax-il talba, l-intimat jaqbel illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment, b'dan illi jeċċepixxi umilment illi tfarrak esklussivament għal raġunijiet imputabbli lir-rikorrenti;*

2. *Illi dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba', it-tmien u d-disa' talbiet, l-intimat jaqbel li l-minuri F tkun tirrisjedi ma' l-omm, iżda b'aċċess favur tiegħu, liema aċċess ilu sitt xhur jiġi nnegat; inoltre, l-intimat jissottometti umilment illi jixtieq jipparteċipa attivament fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernaw il-*

[2] Fol. 18.

*minuri, u li għalhekk il-kura u l-kustodja għandha tkun konġunta;*

3. *Illi dwar il-ħames talba, jaqbel li għandu jiġi stabbilit manteniment għat-tifla minuri F b'dan illi tali manteniment għandu jirrifletti l-mezzi tal-partijiet; is-sitwazzjoni tal-partijiet hija li l-intimat jaħdem bil-paga minima u jgħix fil-kera, filwaqt illi r-rikorrenti tista' taħdem imma tirrifjuta li tagħmel dan billi tippreferi tgħix bl-assistenza soċjali u tgħix f'akkomodazzjoni soċjali provduta ukoll mill-Gvern;*

4. *Illi dwar is-sitt u s-seba' talbiet, l-intimat jaqbel li jħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri li jsiru bi qbil bejn il-partijiet, sakemm din tagħlaq 23 sena jew tibda taħdem, madanakollu ma jistax jfhem għaliex qed tintalab somma meta huwa jaħdem bil-paga minima, u ma għandux assi oħra biex iħallas somma globali;*

5. *Illi dwar il-ħdax-il talba, l-intimat jopponi li jkun hemm manteniment likwidat favur ir-rikorrenti personalment, billi hemm raġunijiet għad-dekadenza, kif ukoll illi kienet min dejjem għażla tagħha li ma taħdimx, mingħajr ebda raġuni valida;*

6. *Illi dwar it-tlettax-il talba hemm qbil, b'dan illi m'hemmx ħtieġa ta' nomina ta' nutar billi l-partijiet mgħandhomx assi immobbli;*

7. *Illi dwar it-talba numru erbatax, din qed tiġi oppostastante li r-rikorrenti ma għandha l-ebda beni parafernali u/jew dotali fil-pussess ta' l-intimat.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 1220 tas-sena 1995;[3]

Rat id-digriet tal-20 ta' Diċembru 2016,[4] fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipprċedu bil-kawża legali

[3] Fol. 12.
[4] Fol. 11.

fit-terminu mpost mil-liġi;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Greta Mifsud Agius,[5] u konsegwentament Dr Maria Dolores Gauci,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[7]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38 u 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ, filwaqt li tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tapplika kontra l-konvenut *in toto* jew *in parte* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li jiġi dikjarat li l-konvenut tilef id-dritt tiegħu li jiret lill-attriċi, kif ukoll id-dritt li jitlob u jipperċepixxi manteniment mingħandha;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri F B esklussivament f'idejn l-attriċi b'dana li l-minuri tirrisjedi mal-attiċi, filwaqt li tawtorizza lill-istess attriċi sabiex

[5] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza tas-26 ta' April 2017, a fol. 21.
[6] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza tas-17 ta' Jannar 2019, a fol. 208.
[7] Fol. 307.

tieħu waħedha d-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa u edukazzjoni u l-passaport tal-minuri, filwaqt li l-passaport tal-minuri għandu jkun fil-pussess tal-attriċi;

4. Tillikwida u takkorda manteniment adegwat għaliha nnifisha li għandu jkun imħallas mill-konvenut;

5. Takkorda manteniment għal minuri inkluż somma għal bżonnijiet relatati mas-saħħa u edukazzoni tal-minuri, liema manteniment jawmenta kull sena skont l-għoli tal-ħajja u għandu jinqata' direttament minn kwlsiasi introjtu u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti, filwaqt li tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

7. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi l-beni kollha tagħha parafernali u/jew dotali fi żmien prefiss, u fin-nuqqas ta' dan tikkundannah iħallas lill-attriċi dik is-somma hekk likwidata rappreżentanti l-imsemmija beni parafernali u/jew dotali.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jaqbel ma' uħud mit-talbiet tal-attriċi, iżda joġġezzjona għal diversi oħra, fosthom ir-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ, it-tehid ta' deċiżjonijiet relatati mal-minuri, manteniment għall-attriċi, u r-radd lura ta' beni parafernali u/jew dotali lill-attriċi.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*

Fl-affidavit tagħha,[8] l-attriċi tispjega li kien nhar it-2 ta' Diċembru 1993 meta ltaqgħat l-ewwel darba mal-konvenut meta din marret Katanja ma' ħabiba u kollega tagħha G H. Il-ġenituri tal-konvenut kienu laqgħu lill-attriċi ġewwa darhom, hekk kif skont l-attriċi, għal ġenitri tal-konvenut l-attriċi kienet ser tkun is-salvazzjoni tiegħu bit-tama li kienet ser iġġibu f'postu. L-

[8] Fol. 24.

attriċi tispjega illi omm il-konvenut, I, kienet il-kap tal-familja u tiddetta kollox hi, fejn *"tħobb ħafna lil uliedha u matul ħajjitha dejjem fisdet lil uliedha, li skond l-opinjoni tieghi, kienet il-kaġun li l-erba' uliedha kollha għandhom nuqqas kbir ta' maturita', responsabbilita' u livell baxx ta' edukazzjoni li f'żgħozithom u f'eta' tenera J, C u K għandhom problema kbira ta' droga waqt li L għandu problema kbira ta' alcohol tant li llum il-ġurnata għandu ħafna ħD fil-fwied".*[9] L-attriċi tgħid li maż-żmien saret tħobb lil konvenut, u meta qalilha dwar il-fatt li kellu l-problema tad-droga, hija kienet għamlet minn kollox sabiex tgħinu joħroġ minnha.

Wara ftit taż-żmien, meta l-attriċi kien għad kellha dsatax-il (19) sena saret taf li ħarġet tqila. Għalhekk il-konvenut kien iddeċieda li jibqa' jgħix Malta u sab xogħol, fejn konsegwentament għamlu ukoll il-ħsieb li jiżżewġu. Fil-fatt huma żżewġu nhar it-22 ta' Lulju 1995, fejn l-attriċi waqfet mix-xogħol għax il-konvenut hekk ried. Madanakollu l-attriċi tgħid illi *"miz-zwieg 'il quddiem u l-problemi li dahhal C f'dan iz-zwieg li wassal ghat-tkissir tal-istess zwieg".*

L-attriċi tibda billi telenka l-fatt li wara ż-żwieġ u sakemm kienet tqila bl-ewwel tarbija, il-konvenut reġa' beda l-vizzju tad-droga. Tispjega li darba fost l-oħrajn ma kienetx sabet il-flus li hija kienet qalgħat bħala rigal minn għand iz-zijiet tagħha, u l-konvenut kien ammetta li reġa' beda l-vizzju tad-droga. Dak iż-żmien il-konvenut kien jagħmilha ma' ċertu wieħed M li kellu ukoll l-istess problema bħal konvenut. Kien għalhekk li l-konvenut beda jmur id-*detox* għand Dr Anna Vella u kif ukoll *counselling* is-Sedqa. L-attriċi tispjega ukoll li hija kienet tattendi għal *counselling sessions* sabiex tifhem fuq id-droga, tant li hekk bdiet tagħraf is-sinjali u ssib l-evidenza. Dak iż-żmien l-attriċi kienet tqila u b'hekk kienet tinkwieta ħafna li l-konvenut jinqabad u jidħol fil-problemi.

Nelfrattemp kienet twieldet D, l-ewwel wild tal-partijiet. D twieldet b'kundizzjoni hekk imsejħa Prader Willi Syndrome u għalhekk kellha bżonn ħafna terapija, kif ukoll ħin sabiex titgħallem ċertu affarijiet bażiċi. Fl-istess żmien il-konvenut ma aċċettax id-diżabilita' ta' bintu u kien beda sejjer dejjem għall-agħar fejn kompla jeqred ħajtu bil-vizzju tad-droga, bil-konsegwenza li l-attriċi kellha tagħmel kollox waħeda. Il-konvenut spiċċa

[9] *Ibid.*

ukoll bla impjieg, u għalhekk l-attriċi fittxet u sabet l-għajnuna għal żewġha, fejn il-konvenut kellu jibda programm ta' riabilitazzjoni ta' sena u nofs. L-attriċi tgħid li dak iż-żmien hija kienet tmur tarah flimkien ma' binthom, u tgħinu dejjem kif tista'. Hija kien irnexxielha tieħu dar bil-kera minngħand il-Housing Authority. Meta l-konvenut lesta mill-programm, huwa xorta baqa' jagħmilha mal-istess ħbieb li kellu qabel, u b'hekk reġa' waqa' għal vizzju. L-attriċi tikkontendi li hi u żewġha għamlu ħajjithom jiġġieldu fuq il-vizzju tad-droga, in-nuqqas ta' ħsieb u l-immaturita'. Skontha *"dejjem bi problema differenti, gideb, serq, jitlef ix-xogħol, nuqqas ta' finanzi, jiġri barra, jfittex id-droga u kif ser jixtrieha"*.[10] Għalhekk wara snin ta' ingann, gideb u manipulazzjoni, l-attriċi bdiet tmexxi hi l-familja. Il-konvenut kien dejjem jeqred u jittallab mingħand Dun Gino Gauci, ossija l-kappillan tal-Knisja tat-Taljani f'Malta, li fil-verita' kien jgħinhom ħafna.

Matul iż-żmien, il-partijiet kellhom żewġt (2) itfal oħra, E li twieled f'Lulju tal-2002 u F li twieldet f'Ottubru tal-2005. L-attriċi tispjega li l-konvenut qatt ma ried imur għall-appuntamenti tat-tfal u dan għax jiddejjaq, li skontu kienu ħmerijiet. Lanqas ma kien jaqbel dwar ċertu mediċina li kien jieħu E minħabba l-kundizzjoni tal-ADHD, kien ukoll jitkellem ħażin kif ukoll jieħu d-droga quddiem uliedu stess. Tispjega ukoll li l-konvenut kien dejjem jitkeċċa mix-xogħol li jkollu minħabba l-imġieba tiegħu, għax kien ifalli, joħroġ għal *break* u jdum, jisraq jew jagħmel xi frodi. Dejjem bid-dejn meta kien jaħdem għal rasu ma' *ironmongeries* differenti, għaliex bil-flus kien dejjem jixtri d-droga. Spiċċa anke sabiex xtara vann għax-xogħol minngħand Paul & Rocco, liema vann il-konvenut baqa' ma ħallasx u għalhekk kien hemm anke mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet tal-attriċi minħabba inadempjenza ta' ħlas da parti l-konvenut. L-attriċi tgħid li dak iż-żmien E kien il-bastun tagħha, għaliex kien jgħinha ħafna anke jekk kien għadu tifel żgħir. Barra minn hekk kellha ukoll l-għajnuna tal-ħaddiema soċjali tal-Fondazzjoni St Jean Antide. Tispjega ukoll li ma setgħatx taħdem dak iż-żmien, u dan minkejja li kellha xi kwalifiki, għaliex għandha ddur b'D erbgħa u għxrin (24) siegħa kuljum mindu għalqet tnax-il (12) sena għaliex l-imġieba tagħha bdiet tiggrava minn ġurnata għall-oħra.

L-attriċi tikkontendi illi *"jiena kont inhobbu hafna u kont ahfirlu mill-ewwel. Lil C ma narahx bħala persuna vjolenti avolja gieli jien u D qlajna xi daqqa*

[10] Fol. 26.

*tajba. Kien ikun nervuż, dejjem b'tensjoni kbira u l-aghar meta ikollu s-sickness withdrawals. Ipprova kemm-il darba joħrog minn dawn il-vizzju imma qatt ma impenja ruħu ta' bil-ħaqq".*[11] Iżda l-konvenut kien traskurat, kien iħalli drogi jiġru mad-dar u darba fost l-oħrajn l-attriċi ħadet id-deċiżjoni li tkeċċih mid-dar wara li kien seraq xi affarijiet. Fil-fatt jingħad li l-konvenut beda jikri x'imkien, jaħdem, jabbuża mid-droga u beda relazzjoni ma' mara li kienet f'relazzjoni ma xi ħaddieħor. Wara episodju fejn il-konvenut beda jaħseb li jagħmel suwiċidju, fuq taba ta' binha E, l-attriċi aċċettat lil żewġha lura d-dar. Minn hemmhekk komplew l-episodji tal-konvenut ta' serq, bil-konsegwenza li minħabba kundizzjonijiet imposti mill-Qorti, huwa ma setgħax ikompli jirrisjedi ma' familtu iżda mar jgħix għand il-kunjati tiegħu ġewwa l-Fgura, tilef xogħolu, iġġieled minn ma nies li kien jaħdem magħhom, biegħ l-għodda li kellu, jiġġerra barra ma' *junkies* u kriminali sa minn filgħodu. Nelfrattemp, l-attriċi tgħid li hija baqgħat tieħu ħsieb kollox waħeda. L-attriċi tgħid ukoll li E spiċċa biex miet minħabba l-Meningite, filwaqt li D qiegħda *in-care* mal-Aġenzija Sapport, fejn qiegħda tgħix f'residenza ma' tlieta (3) oħra ġewwa s-Siġġiewi. Il-konvenut kien ħareġ ukoll mill-ħabs, imma reġa' beda t-triq ta' qabel, jisraq u jbigħ ħwejjeġ ħaddieħor, basta jkollu l-flus fil-but. Konsegwentament, il-konvenut reġa' telaq mid-dar, u beda relazzjoni ma' mara oħra.

Sabiex issaħħaħ il-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *Kopja tar-Rapport maħruġ mis-Social Worker Nora Micelli minn St Jeanne Antide Foundation*,[12] fejn tiddikjara li ilha taf lill-attriċi mill-bidu tal-2008 fejn kienet ipparteċipat b'mod attiv f'Support Group għal *caregivers*, bl-intiża li titgħallem kif tieħu ħsieb lil bintha li tbati minn diżabilita' intelletwali kif ukoll dwar is-servizzi pprovduti f'Malta. Kien għalhekk li x-xhud saret il-ħaddiema soċjali li tieħu ħsieb il-familja B. Il-ħaddiema soċjali tikkonferma illi matul is-snin hija kompliet tgħin lill-attriċi u lill-uliedha f'diversi modi bl-intiża li tassistiha fir-reżiljenza u d-determinazzjoni tagħha sabiex tkun ġenitur tajjeb versu uliedha. Jingħad li anke meta l-attriċi kienet rinfaċċjata b'ċerti sitwazzjonijiet diffiċli hija dejjem baqgħat razzjonali u kalma bl-iskop li tħalli l-familja magħquda. Magħdud ma' dan u fid-dawl tad-diffikultajet li ġabu magħhom id-diżabilita' u d-diżordnijiet oħra ta'

[11] Fol. 32.
[12] Fol. 142.

bintha D kif ukoll it-trattamenti preskritti minn diversi professjonisti, l-attriċi kienet imxenqa għall-involviment ta' żewġha fil-kura ta' D u t-trobbija taż-żewġ ulied l-oħra. Fir-rapport, il-ħaddiema soċjali tikkontendi illi l-aġir, l-azzjonijiet u l-assenza tal-konvenut bħala ġenitur kienet proprju l-kawża ta' stress u deprivazzjoni ekonomika għal familja in ġenerali. Jiġi aċċenat ukoll li minkejja li l-attriċi hija miżżewġa, hija fil-verita' ilha *single mother* għal diversi snin. Il-falliment ta' żewġha li jipprovdi sapport finanzjarju għal familtu kien ifisser illi l-attriċi kellha tiddependi fuq is-servizzi soċjali hekk kif hija qatt ma setgħat issib impjieg *se mai* fuq bażi *part-time* minħabba d-diżabilita' ta' bintha D u l-kundizzjoni tal-ADHD ta' binha E. Barra minn hekk, il-ħaddiema soċjali fir-rapport tgħid ukoll li l-mewt ta' E fl-eta' ta' għaxar (10) snin kienet esperjenza trawmatika għal familja, speċjalment għall-attriċi li kienet ilha żmien isserraħ fuq binha hekk kif dan tal-aħħar ġie deskritt bħala *"young carer"*, *"loving"*, *"kind"*, u *"thoughtful"*. Jiġi spjegat illi matul iż-żmien, il-Fondazzjoni in kwistjoni għinet lil familja B in ġenerali, kif ukoll lil kull wieħed minnhom b'mod individwali;

b. *Ix-xhieda ta' Nora Macelli bħala CEO ta' St Jean Antide Foundation*,[13] fejn ippreżentat mill-ġdid ir-rapport tagħha,[14] u ikkonfermat illi ilha taħdem mal-familja B mis-sena 2008 meta l-attriċi biet tattendi *support group* tat-tfal b'diżabilita', ġara iżda li hekk kif spiċċa s-*support group* imsemmi, ix-xhud spiċċat il-ħaddiema soċjali tal-familja fejn għamlet *care plan* għal familja bid-deċiżjoni li jissaportjaw lill-attriċi b'kull mezz possibbli biex ma tikkrollax fis-sitwazzjoni għaliex altrimenti l-ulied kienu ser jispiċċaw b'*care order*. Ix-xhud tgħid li l-attriċi hija mara b'saħħitha. Huwa minnu li huma offrewlha ħafna għajnuna kemm għal E, illum mejjet, kif ukoll għal D li tbati minn diżabilita' severa, kif ukoll issofri minn diżabilita' mentali severa u minn *Prader Willy Syndrome* li tiġbor fiha ħafna problemi oħra bħal *self harm* u *obsessive compulsive disorder*. Magħdud ma' dan, ix-xhud tispjega li l-familja kienet waslet għal faqar, stante li l-missier ma kienx preżenti u ma kienx ta' għajnuna finanzjarja. Ix-xhud tispjega li qatt a ħadmet b'mod dirett mal-konvenut, ħlief f'xi okkażjonijiet bħal meta binhom E kien qiegħed imut.

In kontro-eżami,[15] ix-xhud tinnega li l-attriċi ma kienetx taf timmaniġja l-

[13] Fol. 153.
[14] Fol. 166.
[15] Fol. 154.

flus, iżda tgħid li minkejja li kienu limitati ħafna hija kienet xorta waħda kapaċi tagħmel dan. Ix-xhud tgħid ukoll li hija kienet toqgħod mal-attriċi sabiex jaraw x'inhu dieħel u ħiereġ bħala flus, u kulma kienet tieħu l-attriċi kienu benefiċċji soċjali. Ix-xhud tgħid li kienet tgħin ukoll lill-attriċi tagħmel *budget* fuq il-kirja tad-dar.

F'xhieda ulterjuri,[16] Nora Macelli tispjega li l-attriċi hija omm reżiljenti u taħdem ħafna għal ġid tal-familja, filwaqt li kienet taffaċja ħafna sfidi fil-ħajja minħabba żewġha, s-sitwazzjoni tiegħu, apparti li kellha ħafna problemi minħabba bintha l-kbira. Tispjega ukoll li t-tieni wild, miet fl-2014 u li kien ibati minn *severe ADHD* u *behavioural problems* minħabba missieru. Jingħad li l-attriċi kienet taħbi ħafna mill-problemi tar-raġel, fosthom il-vizzju tad-droga. Għalhekk binhom kien ibati ħafna għaliex kien jispiċċa jżomm dawn is-sigrieti. Bħala fondazzjoni kienu jissaportjaw lill-attriċi kemm setgħu, u kien hemm drabi ukoll fejn ppruvaw jgħinu ukoll lil konvenut.[17] Min-naħa tiegħu, il-konvenut ma tantx kien jikkoopera. Bħala fondazzjoni kienu jipprovdu ħafna għajnuna lil familja. Fir-rigward tal-bint iż-żgħira, ix-xhud tgħid illi din kienet riżervata, u ma tantx kienet issemmih lil missierha.

In kontro-eżami,[18] ix-xhud tispjega li bħal ħuha, F kienet qed tassumi ħafna responsabbilita'. Il-fatt kien li l-attriċi kellha wisq sfidi waħedha, u b'hekk iż-żewġ ulied iż-żgħar kienu jgħinuha. Min-naħa l-oħra jingħad li l-konvenut kien qed isegwi programm fid-Dar Leopoldo għaliex kont il-*bail conditions* huwa ma setgħax imur jgħix id-dar. Iżda dak iż-żmien huwa kien spiċċa jaħli ħafna ħin. Jingħad li n-negozju tal-konvenut kien qed ifalli, għalhekk ix-xhud ikkuntatjat dak li jissejjaħ *business mentor*, u in-*network* ta' *women in business* offriet li tagħmillu sessjonijiet, iżda l-konvenut kien attenda għal sessjoni waħda. Ix-xhud tispjega ukoll li kienet ikkuntatjat lil Malta Enterprise u offrew tlett (3) sessjonijiet, pero' l-konvenut baqa' ma attendiex. Il-konvenut kien attenda għal tlett (3) sessjonijiet mal-*Emotional Freedom Service*;

c. *Ix-xhieda tal-intimat in subizzjoni*,[19] fejn iddikjara li kien qiegħed jaħdem

[16] Fol. 174.
[17] Fol. 186.
[18] Fol. 177.
[19] Fol. 196.

ma' CFC fil-kċina ġewwa Ħal-Għaxaq u li kien qiegħed jgħix ma' ħabib tiegħu Wied il-Għajn fejn iħallas il-kirja ta' €250 fix-xahar. Jispjega li huwa konsapevoli bid-digriet tal-manteniment u li jrid iħallas nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, u jammetti li filwaqt li jħallas is-somma ta' €200 fix-xahar, huwa ma jħallasx sehemu mill-ispejjeż tas-saħħa u edukazzjoni stante li t-tifla huwa ma jarahiex;

d. *__L-affidavit ta' N Micallef B, ossija oħt l-attriċi,__*[20] fejn tispjega li hija miżżewġa lil ħu l-konvenut. Kien proprju l-konvenut li laqqa' lil oħt l-attriċi ma' ħuh K u dawn bdew isiru jafu lil xulxin. Kemm il-konvenut kif ukoll ħuh K kienu jiġu Malta u joqgħodu għand in-nanniet tal-attriċi u N ġewwa Raħal il-Ġdid, u dak iż-żmien kienu jġibu ruħhom sew. Jingħad illi l-partijiet kienu żżewġu għaliex l-attriċi kienet ħarġet tqila, u nelfrattemp kien ġie joqgħod Malta ħabib tal-konvenut, ossija L M, u dan għaliex kien f'relazzjoni ma' G, ħabiba u kollega tal-attriċi. Tispjega li waqt li huma t-tfajliet kienu jkunu xogħol, il-konvenut, K u L kienu jkunu fil-kumpanija ta' xulxin. Ġie skopert li l-irġiel kienu qabdu t-triq il-ħażina, fejn kienu jkunu ta' kuljum imorru l-każin li dak iż-żmien kien f'idejn iz-zija tal-attriċi u N, fejn kienet tosserva sewwasew dak li kienu qegħdin jagħmlu u ma' min qed jagħmluha. Maż-żmien, N u K telqu jgħixu Katanja, filwaqt li l-attriċi u C baqgħu hawn Malta.

N tispjega illi meta marret tgħix Katanja hija saret taf aħjar lil familja B, fosthom illi C u K kellhom ħuhom li dejjem dieħel u ħiereġ il-ħabs. Tagħti rendikont ta' kif il-kunjata tagħha, li tiġi ukoll il-kunjata tal-attriċi, kienet tfissed lil uliedha tant li dawn kienu vvzzjati. Hija tgħid li *"l-kunjata trid tindaħal u tikkmanda kollox hi specjalment lil C u K. (...) Imma l-kunjata ghandha difett, li jkollha l-jedd fuq uliedha tant li tikkonvincihom, tikkontrallhom biex jahsbu u jaghmlu kif trid hi. U min-naha taghha hi tiddefendihom anke meta jizbaljaw jew iwettqu xi reati, jew jonqsu lejn marthom u uliedhom"*. Tispjega ukoll li l-familja tal-konvenut u żewġha hija familja li *"mohhhom biex jargumentaw, jghollu lehinhom u jiggieldu tant li ma jibqghux jitkellmu ghal zmien twil"*.

Fl-affidavit jingħad illi maż-żmien C kompla tħawwad u jonqos lil oħtha u lil uliedhom. Huwa ma baqgħax jaħdem u jmantnihom, iżda minnflok kien

[20] Fol. 200.

dejjem jiġri barra fil-kumpanija ta' nies bi problemi ta' drogi, serq u frodi. N tikkonferma illi *"kien juza drogi differenti u perikoluzi anke quddiem uliedu. E gieli qalli xi haga ukoll u kien kien ikun iddispjacut jara lill-familja tieghu f'dak l-istat. Hu kien jiehu hsieb ta' ohtu D biex jghin lil ommu tistrieh wara li D kienet tixroblha mohhha bl-ossessjonijiet tagħha. Fuq skype jiena naghmel kuntatt maghhom u kont nara u nisma' kollox. (...) Kont nghid b'kollox lill-kunjata biex din tkun taf x'kien qed jaghmel binha C u din kienet tibqa' siekta. Meta kienet titkellem ma' ohti, kienet itieha raġun u tgħidilha biex tahfiru u tibqa' tghinu forsi xi darba jirranga mohhu"*. Hija tispjega kemm oħtha batiet meta l-konvenut daħal il-ħabs, u li minkejja kollox hija xorta waħda baqgħat tipprova tagħmel l-almu tagħha sabiex ma tħalli la lil C u wisq anqas lil uliedha neqsin minn xejn. Fil-fatt N tgħid *"jien ghandi ammirazzjoni kbira lejn ohti ghax ghalkemm ghaddiet minn hafna ma kienetx taqta' qalbha u dejjem irnexxielha tkun pozittiva u tiehu hsieb tal-familja taghha mill-ahjar li tista' u jzomm lil uliedha kuntenti"*. Barra minn hekk, l-aħbar ta' E kienet waħda kbira u diffiċli, fejn l-attriċi kienet iddisprata. Tgħid li waħedha kellha tgħaddi minn din it-traġedja. Tispiċċa billi tgħid illi *"jien nistqarr dak kollu li naf u li ktibt hu l-verita'. Ghalkemm naf kemm ghandha ragun ohti u li hu fl-interess taghha, ta' bintha F u ta' sahhithom li tinfired minn ma' zewgha C. Jiena nibqa' f'kunflitt ta' emozzjoni ghax qieghda nghix ma' zewg K li huwa ħu C u ma' omm C"*;

e. *<u>Nota tal-attriċi datata 25 ta' April 2019</u>*,[21] permezz ta' liema ppreżentat:

i. *<u>Nota tal-uffiċċjal tal-Probation Saviour Lia ppreżentata nhar is-27 ta' Lulju 2012 fil-Qorti Kriminali fl-atti tal-kawża fl-ismijiett Il-Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs. C B</u>*,[22] fejn ġie dikjarat li *"C B naqas li jżomm ruħu f'kuntatt ma' l-Uffiċċju u l-Uffiċċjal tal-Probation skont id-direttivi mogħtija lilu; Illi C B naqas milli joqgħod għad-direttivi mogħtija mll-istess Uffiċċjal tal-Probation sabiex iżomm kuntatt regolari mad-Detox, kif ukoll li jibda l-kuntatt mal-Aġenzija Sedqa, u dan wara li ġie riferut għal dan is-servizz mill-Uffiċċjal tal-Probation"*;

ii. *<u>Nota tal-uffiċċjal tal-Probation Saviour Lia datata 12 ta' Lulju 2012 mibgħuta lil C B dwar in-nuqqas ta' attendenza tiegħu għall-appuntamenti</u>*

[21] Fol. 211.
[22] Fol. 212.

*mogħtija lilu*, tant li qiegħed jikser l-Ordni ta' Probation mogħtija fl-20 ta' Novembru 2011;[23]

iii. *Nota ta' Vincent Vassalo għad-Direttur tal-Ħabs datata 7 ta' Mejju 2013*, fejn ġie ċċertifikat li C B ġie ammess il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin nhar it-8 ta' Awwissu 2012;[24]

iv. *Nota ta' Helenio Galea għad-Direttur tal-Ħabs datata 5 ta' Novembru 2012*, fejn ġie ċċertifikat li C B ġie ammess il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin nhar it-8 ta' Awwissu 2012 u qiegħed miżmum hemm taħt arrest preventiv;[25]

v. *Nota ta' Helenio Galea għad-Direttur tal-Ħabs datata 8 ta' Ottubru 2012*, fejn ġie ċċertifikat li C B ġie ammess il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin nhar t-8 ta' Marzu 2012 u ġie rilaxxa nhar it-28 ta' Marzu 2012 fuq *bail*;[26]

vi. *L-istqarrija ta' C B mal-Pulizija nhar id-19 ta' Novembru 2011*, fejn wara li allegatament kisrulu t-tieqa huwa pprova jbeżża' bis-sikkina li skontu jużaha ħabba xogħol ta' *membrane*, u wara bla sikkina f'idejh mar jagħti daqqa fil-bieb għaliex ċertu Malcolm beda joffendih, heddu li jagħtih daqqa bis-sikkina;[27]

vii. *Nota tad-digriet datat 27 ta' Lulju 2012 mogħti mill-Qorti Kriminali fil-każ fl-ismijiet Pulizija vs. C B*, fejn wara li rat id-denunzja appuntatha għas-smigħ għat-3 ta' Awwissu 2012;[28]

viii. *Dikjarazzjoni ta' C B datata 19 ta' Novembru 2011 u 22 ta' Novembru 2012*, għar-rinunzja għad-dritt tal-parir legali mal-avukat;[29]

ix. *L-istqarrija ta' C B mal-Pulizija nhar it-22 ta' Novembru 2022*, fejn innega li huwa seraq nuċċali u arlogg minn ħanut ġewwa Baystreet, u jikkonferma li ma għadux jieħu mediċina biex jaqta' l-vizzju tad-droga;[30]

---

[23] Fol. 213.
[24] Fol. 214.
[25] Fol. 215.
[26] Fol. 216.
[27] Fol. 217.
[28] Fol. 222.
[29] Fol. 219, 223.
[30] Fol. 226.

x. *Affidavt ta' WPS158 Gillian Henwood datat 4 ta' Awwissu 2012*, fejn iddikjarat li nhar id-9 ta' Lulju 2012 meta kienet xogħol l-Għassa tan-Naxxar daħal rapport minn għand ċertu Patrick Vella fil-kapaċita' tiegħu ta' sid tal-istabbiliment Splash and Fun Park, fejn stqarr li kellu xi argument ma ċertu Althea Gambin, u ra żewġt irġiel fis-siġar jgħidu *"nidħlu minn din in-naħa"*. Il-kwerelant stqarr li ssuspetta li dawn daħlu biex jisrquh, u żewġ irġiel ġew miżmuma u li huma ċertu C B u Carmel Mugliett;[31]

xi. *Lista tas-sessjonijiet terapewtiċi kollha li ġew imħallsa minn A B fl-ammont ta' €100*;[32]

f. *Nota tal-attriċi datata 3 ta' Mejju 2019*,[33] li permezz tagħha ppreżentat:

i. *Sentenza mogħtija nhar l-14 ta' Settembru 2012* mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija (Spettur Jurgen Vella) vs C B** bin-numru 806/2012 mogħtija mill-Maġistrat Dr Antonio Micallef Trigona, fejn il-konvenut instab ħati ta' serq u ksir tal-*probation order*;[34]

ii. *Sentenza mogħtija nhar is-26 ta' Ġunju 2013* mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs C B** bin-numru 571/2013 mogħtija mill-Maġistrat Dr Savior Demicoli, fejn instab ħati ta' serq u ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' digriet għal-liberta' proviżorja;[35]

iii. *Sentenza mogħtija nhar it-12 ta' Marzu 2014* mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija (Spetturi James Grech u Sylvana Briffa) vs C B** bin-numru 269/2012 mogħtija mill-Maġistrat Dr Edwina Grima, fejn instab ħati ta' serq u ksur ta' *probation order*;[36]

iv. *Sentenza mogħtija nhar l-20 ta' Ottubru 2014* mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Pulizija (Spettur**

[31] Fol. 229.
[32] Fol. 233.
[33] Fol. 236.
[34] Fol. 237.
[35] Fol. 241.
[36] Fol. 244.

**James Grech) vs C B** bin-numru 565/2014 mogħtija mill-Maġistrat Dr Claire Louise Stafrace, fejn instab ħati ta' serq.[37]

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*

Il-konvenut ma ressaq l-ebda verżjoni u lanqas provi, għajr għax-xhieda ta' Anabel Bugeja bħala *probation* officer, u dan minkejja s-seduti kollha li huwa kellu quddiem l-Assistant Ġudizzjarju. Għalhekk il-Qorti tinsab sprovvista mill-verżjoni tal-konvenut.

L-unika prova mresqa mill-konvenut hija s-segwenti:

i. *Ix-xhieda ta' Anabel Bugeja bħala probation officer,*[38] fejn xehdet dwar il-fatt illi r-riżultati mit-testijiet tal-urina tal-konvenut għal traċċi ta' *cannabis,* eroina u kokaina kienu kollha fin-negattiv. Dawn it-testijiet saru fis-segwenti dati: (a) 22 ta' Ottubru 2015, (b) 13 ta' Novembru 2015, (c) 23bta' Diċembru 2015, (d) 9 ta' Mejju 2016, (e) 28 ta' Lulju 2016, (f) 2 ta' Settembru 2016, (g) 26 ta' Ottubru 2016, (h) 24 ta' Jannar 2017, (i) 14 ta' Frar 2017, (j) 8 ta' Mejju 2017, (k) 18 ta' Mejju 2017, (l) 14 ta' Ġunju 2017, (m) 7 ta' Awwissu 2017, (n) 1 ta' Settembru 2017, (o) 2 ta' Ottubru 2017. L-ordni ta' *probation* ngħatat għal perjodu ta tlett (3) snin, liema perjodu għalaq nhar l-20 ta' Ottubru 2017. Magħdud ma dan, ix-xhud tiddikjara illi *"C dejjem żamm attendenza regolari għal dak li jirrigwarda l-probation order, għandu xogħol full-time u waqt il-probation beda ukoll xogħol part-time għal rasu. Qiegħed ukoll f'relazzjoni stabbli u għandu support mis-sieħba tiegħu. Fl-aħħarnett, matul l-ordni ta' probation, adotta stil ta' ħajja stabbli u 'l bogħod mill-vizzju tad-droga".*

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offizi Gravi*

[37] Fol. 268.
[38] Fol. 71.

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[39] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[40] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[41] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza*

[39] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[40] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[41] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[42] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[43] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[44]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[45]

*b.* *<u>Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili: Adulterju</u>*

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: *"Kull parti mizzewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra".*[46] Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi *"L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali".*[47]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**[48] fejn ġie dikjarat li: *"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:</u>*

[42]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[43]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[44]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[45]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[46] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[47] **Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass**, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP).
[48] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP).

Jidher li l-partijiet iżżewġu nhar idt-22 ta' Lulju 1995, minn liema żwieġ twieldu tlett (3) itfal, ċjoe' D, E u F, aħwa B. Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali li wasslu għall-isfaxximent tal-istess, bir-riżultat li l-attriċi sfat sabiex bdiet il-proċeduri odjerni kontra l-konvenut, fejn tisħaq illi ż-żwieġ sfaxxa minħabba adulterju u l-vizzju tad-droga tal-konvenut, liema vizzju wassal lill-istess konvenut sabiex jisraq, jitlef l-impjiegi tiegħu, jagħmilha ma' kumpanija ħażina, u ma jieħux ħsieb lil familtu permezz ta' sapport emozzjonali u finanzjarju. liema kwistjonijiet skont l-attriċi taw lok għal separazzjoni personali abbażi ta' dawk il-kriterji elenkati f'Artikoli 38 u 40 tal-Kodiċi Ċivili.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, hija tara li l-allegazzjoni tal-adulterju ma ġietx minimament ippruvata. Madanakollu u min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li l-attriċi rnexxielha tipprova illi l-konvenut kellu l-vizzju tad-droga, kif ukoll li kien jisraq sabiex ikun jista' jixtri s-sustanzi llegali. Barra minn hekk, il-Qorti ma tistgħax ma tagħtix piż probatrju lix-xhieda tal-ħaddiema soċjali Nora Macelli li segwiet mill-qrib is-sitwazzjoni prekarja li kienet qed tgħix fiha l-familja B u dan minħabba l-aġir irresponsabbli u egoist tal-konvenut. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi l-attriċi, kif ukoll uliedha, kienu vittmi ta' moħqrija emozzjonali u finanzjarja. Għalkemm jidher illi l-konvenut jaf ipprova jagħmel l-almu tiegħu sabiex jegħleb il-vizzju li kellu, għal numru ta' żmien huwa ma rnexxilux, iżda l-attriċi dejjem baqgħat leali lejh sabiex issalva lilu u kif ukoll lil familja tagħhom. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara illi l-verżjoni u l-provi mresqa minnha ma ġewx kontradetti u dan minħaba nuqqas ta' volonta' da parti l-konvenut.

Għaldaqstant, il-Qorti meta rinfaċċjata bil-verżjoni mhux kontradetta tal-attriċi, kif ukoll provi li jistabbilixxu illi l-konvenut huwa bniedem b'vizzji korh, li kienu ta' għajnuna sabiex kisru *in primis* lil konvenut innifsu, u konsegwentament lil martu u uliedu, il-Qorti ma tistgħax ma temminx lill-attriċi. Fid-dawl ta' dan, jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet

serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib lill-konvenut ħati ta' moħqrija u nġurji gravi.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, l-konvenut instab ħati ta' moħqrija u nġurji gravi, u għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi odjerni huwa xieraq illi s-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati *in toto* fil-konfront tal-konvenut.

**4. Manteniment għall-Attriċi:**

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taż-żwieġ u ġialadarba l-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut ma għandu l-ebda dritt għal manteniment minn għand l-attriċi. Madanakollu u min-naħa l-oħra, ġialadarba l-attriċi ma nstabitx ħatja bħall-konvenut, l-attriċi jibqala' l-jedd li titlob il-manteniment minn għand żewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom".*[49]

Għaldaqstant fil-każ odjern kien jinkombi fuq l-attriċi l-oneru li tressaq il-provi rigward il-ħtiġijiet u d-dħul rispettiv tal-partijiet ġialadarba resqet talba

[49] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.

għall-manteniment. Dan ifisser li l-attriċi kien jeħtieġilha illi tistabbilixxi: (i) l-introjtu tal-partijiet, (ii) prova li l-introjtu tagħha ma huwiex suffiċjenti tenut kont tal-elenku tal-ħtiġijiet tagħha, u (iii) raġuni suffiċċjenti għaliex qiegħda tippretendi li titħallas manteniment fix-xahar minngħand il-konvenut. Il-Qorti tara li f'dan il-kuntest, l-attriċi ma resqet l-ebda prova kif meħtieġ.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fil-preżent, l-attriċi ma jeħtiġilhiex tiġi mantenuta mill-konvenut, u dan fid-dawl tal-fatt illi: (i) l-attriċi għad għandha 47 sena u b'hekk il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li għadha tinsab f'eta' li tista' ssib xogħol u tkun finanzjarjament indipendenti, (ii) mill-atti ma rriżultax li l-attriċi għandha xi impediment milli taħdem speċjalment hekk kif bintha D tinsab ġewa *in care* mal-Aġenzija Sapport u bintha l-minuri F llum għandha sbatax-il (17) sena, u (iii) matul il-kawża odjerna, l-attriċi qatt ma resqet talba sabiex *pendente lite* tingħata manteniment għaliha nnifisha u b'hekk dan jistabbilixxi li b'xi mod l-attriċi għandha xi forma ta' introjtu u/jew hija finanzjarjament indipendenti.

Għaldaqstant il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus,* ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti. Madanakollu u fi kwalunkwe l-każ, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment.

## 5. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu tlett (3) itfal, u ċjoe' D B li hija maġġorenni, E B li għadda għal ħajja aħjar, u F B mwielda nhar l-10 ta' Ottubru 2005. Dan ifisser illi fil-preżent, l-unika bint li għandha tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti għal fini ta' din is-sentenza, hija F B li jirriżulta li għandha sbatax-il (17) sena u b'hekk għadha minorenni, anke

jekk il-Qorti tara li l-istess bint il-partijiet ser isir maġġorenni fi żmien disa' (9) xhur.

*__Is-Sitwazzjoni Pendente Lite rigward il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment ta' F B:__*

Mill-atti jissemma' illi fil-proċeduri tal-medjazzjoni ngħata digriet rigward ħlas ta' manteniment mill-konvenut għal minuri F B fis-somma ta' €200 fix-xahar u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Madanakollu tali digriet ma ġiex ippreżentat fl-atti tas-separazzjoni in eżami, u wisq anqas ma saret talba sabiex l-atti tal-medjazzjoni jiġu allegati ma' dawn l-atti. Barra minn hekk, jirriżulta ukoll li fil-mori tal-kawża ġie ppreżentat rikors mill-konvenut dwar il-kura, kustodja u aċċess għal minuri, iżda liema rikors qatt ma pprosgewa 'il quddiem minħabba nuqqas ta' ħlas lil Carmen Sammut bħala espert psikologa kif maħtura permezz ta' digriet datat 2 ta' Awwissu 2017.

*__Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:__*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[50] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[51] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed*

[50] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[51] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

*affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**'[52] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[53] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan Caruana**'[54] u **Marlon Grech vs. Charlene Banks**[55] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

[52]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[53]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[54]Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[55]Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u tal-provi, il-Qorti tinnota fil-preżent F B għadha minorenni u b'hekk għadha taħt is-setgħa tal-ġenituri tagħha. Madanakollu għandu jiġi sottolinejat illi fil-preżent il-minuri għandha sbatax-il (17) sena u li fi żmien disa' (9) xhur hija ser tagħlaq tmintax-il (18) sena u ssir maġġorenni.

Minn konsiderazzjoni tal-provi mresqa, il-Qorti tara jkun fl-aħjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja tagħha tiġi vestita fl-attriċi, b'dana illi r-residenza tal-minuri tkun mal-attriċi. Madanakollu u magħdud ma' dan, il-Qorti tirribadixxi illi Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċedi dak li fiċ-ċirkostanzi jidrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri. Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi apparti li l-kura u kustodja tal-minuri tkun vesitita esklussivament f'idejn l-attriċi, hija tal-fehma li hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-konvenut stante li dak kontemplat fis-subinċiż (a) u (e) tal-istess Artikolu ġew pruvati sal-grad rikjest mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenut jibqa' jkollhu xi forma ta' awtorita' fuq l-istess minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kienet biss l-istess attriċi li ħadet ħsieb lill-minuri, mantnietha u edukatha fl-assenza tal-konvenut. Fid-dawl tal-provi kollha miġbura, il-Qorti hija tal-fehma li s-setgħa tal-ġenitur għandha wkoll tkun vestita esklussivament fiha biss, b'dana illi l-konvenut jiġi żvestit mill-awtorita' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan konsegwentament

ifisser illi l-attriċi qiegħda tingħata l-awtorita' neċessarja sabiex tieħu dawk id-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi. Dan ifisser illi l-attriċi permezz ta' tali sentenza għandha l-jedd illi mingħajr ebda awtorita', kunsens jew firma tal-konvenut, hija għandha tieħu dawk id-deċizjonijiet versu l-minuri u ssiefer magħha ukoll. L-istess għandu japplika fir-rigward tal-passaport tal-minuri, fejn l-attriċi qiegħda tiġi ukoll awtorizzata illi tapplika jew iġġedded il-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tal-konvenut, b'dana illi l-istess passaport għandu jinżamm dejjem u biss fil-pussess tal-attriċi.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tara ukoll li fis-sitwazzjoni u fir-rigward tal-aċċess kif mitlub mill-konvenut, jiġi tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[56] Fil-preżent jidher li l-aċċess tal-minuri mal-missier mhux qed isisr. Għalhekk u tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tasal għal konklużjoni li ġialadarba l-minuri għandha sbatax-il (17) sena u ser isir maġġorenni fi żmien qasir, l-aċċess għandu jkun liberu b'dana illi għandha tifthiem hi ma' missierha meta' għandu jsir l-aċċess.

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser tkompli tgħix ma' ommha, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Fil-mument il-konvenut qed iħallas is-somma ta' €200 kull xahar għal minuri, u dan oltre sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk

---

[56] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).

fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[57] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[58] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Michelina Bezzina vs Julian Bezzina**,[59] fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[60]".".*

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-attriċi ma resqitx din il-prova, u barra minn hekk mill-atti lanqas ma jidher illi tresqet prova konkreta tad-dħul tal-partijiet, għalkemm jirriżulta li ż-żewġ partijiet huma finanzjarjament indipendenti.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull xahar għal minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F B sakemm il-minuri

[57] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[58] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[59] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[60] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.

tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

**6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar it-22 ta' Lulju 1995, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Sabiex il-partijiet jippruvaw dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, huma resqu s-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda ta' Stephen Cachia in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[61] fejn ġie ddikjarat li fuq isem l-attriċi la hemm u qatt ma kien hemm vetturi reġistrati fuq isimha,[62] filwaqt li fuq isem il-konvenut fil-passat kellu żewġ (2) vetturi reġistrati fuq ismu tat-tip Renault Clio bin-numru ta' reġistrazzjni BBD-776, reġistrata għal perjodu bejn l-10 ta' Mejju 1999 u s-27 ta' Ottubru 1999 u Kia Shuma bin-numru ta' reġistrazzjoni MAR-118, reġistrata fuq ismu għal perjodu bejn is-16 ta' Diċembru 1999 u t-30 ta' Jannar 2009,[63]

[61] Fol. 72, 152.
[62] Fol. 82, 83.
[63] Fol. 86, 87, 88.

filwaqt li fil-preżent għandu vettura waħda reġistrata fuq ismu mit-30 ta' Jannar 2009 tat-tip Toyota Hilux bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG-781;[64]

F'xhieda ulterjuri, ix-xhud jiddikjara li l-vettura tat-tip Peugeot 406 bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE-584 tinsab irreġistrata fuq isem Louis Micallef sa mill-24 ta' Settembru 2015.[65] Magħdud ma' dan, ix-xhud reġa' ikkonferma li sa dakinhar tax-xhieda, ossija, il-21 ta' Frar 2018, l-attriċi ma kellha u m'għandha l-ebda vettura reġistrata fuq isimha,[66] filwaqt li fuq isem il-konvenut fil-passat kien hemm żewġ vetturi reġistrati fuq ismu (ċjoe' dawk imsemmija fix-xhieda preċedenti),[67] filwaqt li fil-preżent għandu reġistrata vettura waħda (ċjoe' l-istess waħda msemmija fix-xhieda preċedenti);[68]

b. *Ix-xhieda ta' Brian Farrugia in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[69] fejn ikkonferma li l-vettura tat-tip Toyota Hilux bin-numru ta' reġistrazzjoni DBG-781 hija reġistrata fuq isem il-konvenut sa mit-30 ta' Jannar 2009;[70]

c. *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc*,[71] li tiddikjara li: (i) fuq isem il-konvenut hemm kont bankarju wieħed bin-numru 40010560150 tat-tip *savings account,*[72] u (ii) fuq isem l-attriċi hemm tlett (3) kontijiet bankarji, ossija: (a) kont bankarju bin-numru 173,9649016 tat-tip *savings account,*[73] (b) kont bankarju bin-numru 18603863018 tat-tip *savings account,*[74] (c) kont bankarju bin-numru 40021688209 tat-tip *loan account* li huwa magħluq,[75] u (d) *credit card* bin-numru 4552401200097750 li hija magħluqa;[76]

[64] Fol. 84, 85.
[65] Fol. 158.
[66] Fol. 160, 161.
[67] Fol. 163.
[68] Fol. 162.
[69] Fol. 170.
[70] Fol. 172.
[71] Fol. 72.
[72] Fol. 89.
[73] Fol. 90.
[74] Fol. 91.
[75] Fol. 92.
[76] Fol. 93.

d. *Ix-xhieda ta' Alison Mifsud Brimmer in rappreżentanza ta' HSBC Malta plc*,[77] fejn ġie ddikjarat li l-partijiet ma għandhom l-ebda kont bankarju intestat fuq isimhom mal-imsemmi bank;

e. *Ix-xhieda ta' Jeanette Lepre in rappeżentanza ta' Lombard Bank plc*,[78] fejn ġie ddikjarat li l-partijiet ma għandhom l-ebda kont bankarju intestat fuq isimhom mal-imsemmi bank;

f. *Ix-xhieda ta' Stephen Baldacchino in rappreżentanza ta' BNF Bank plc*,[79] fejn iddikjara li l-partijiet ma għandhom l-ebda kont bankarju intestat fuq isimhom mal-imsemmi bank;

g. *Ix-xhieda ta' Rebecca Micallef in rappreżentanza ta' APS Bank*,[80] fejn iddikjarat li l-partijiet ma għandhom l-ebda kont bankarju intestat fuq isimhom mal-imsemmi bank;

h. *Ix-xhieda ta' N Deguara in rappreżentanza ta' Lands Authority*,[81] fejn xehdet fir-rigward tal-fond *"Numru X, Sqaq Y, No. 2, Tarxien"*, liema fond jgħajjat lil konjuġi B u sa dakinhar tax-xhieda, ossija 9 ta' Novembru 2017, kien hemm pendenti arretrati ta' €3,709.12 għal perjodu bejn April 2013 u Diċembru 2017. Ix-xhud ippreżentat: (i) kopja tal-kuntratt atat 17 ta' Marzu 1997 kif iffirmat mill-attriċi f'isimha proprju kif ukill għan-nom ta żewġha stante li kellha prokura għal kirja tal-fond in kwistjoni u l-prokura ta' C B,[82] (ii) *transaction history* tal-pagamenti li saru,[83] (iii) l-irċevuti li jindikaw il-modalita' tal-ħlas;[84]

i. *Ix-xhieda ta' Simone Pisani in rappreżentanza ta' Paul & Rocco (Marsa) Limited*,[85] fejn ġie ddikjarat illi fid-29 ta' Jannar 2009 il-konjuġi B xtraw vettura minngħandhom tat-tip Toyota Hilus bin-numru ta' reġistrazzjoi DBG-781 versu s-somma ta' €10,950. Għal tali vettura jingħad illi l-konjuġi ħalsu depożitu ta' €1,300 u €1,000, u l-kumplament ta' €8,650 kellhom

[77] Fol. 72.
[78] Fol. 73.
[79] Fol. 73.
[80] Fol. 75.
[81] Fol. 73, 140.
[82] Fol. 112 – 115.
[83] Fol. 117, 118.
[84] Fol. 119 – 128.
[85] Fol. 74.

jitħalsu bir-rata ta' €217 fix-xahar. Madanakollu fil-31 ta' Jannar 2011, il-partijiet B waqfu jagħmlu l-pagamenti, salv għal pagament żgħir ta' €338.39 li sar fid-9 ta' Awwiss 2013. Ix-xhud tikkonferma li bejn l-2011 u l-2013 huma kienu pproċedew bil-proċedura legali taħt l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għal liema proċedura l-konjuġi B qatt ma rrispondew u dan minkejja li kienu denitament notifikati.[86] Jingħad li sal-mument tax-xhieda, ossija 9 ta' Novembru 2017, il-bilanċ dovut kien dak ta' €10,532 inkluż l-imgħaxijiet sal-15 ta' Ottubru 2017.[87]

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tara illi:

*Fir-rigward il-fond matrimonjali*, il-Qorti tara li dan jinsab bil-kera għand il-partijiet u għalhekk il-Qorti tordna li tali fond, ossija *"Numru X, Sqaq Y, No. 2, Tarxien"* għandu jinqaleb fuq isem l-attriċi, u ma jibqgħax iservi bħala l-fond matrimonjali tal-partijiet.

*Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti tara li tenut kont tax-xhieda mresqa, kull parti għandha kontijiet intestat fuq isimha iżda ma hemm l-ebda kont konġunt. Għalhekk il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih.

*Rigward il-vettura*, tat-tip Toyota Hilus bin-numru ta' reġistrazzjoi DBG-781 reġistrata fuq isem il-konvenut, din għandha tibqa' assenjata fuq isem il-konvenut, b'dana illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi sehemha fil-valur ta' €5,475. Filwaqt li kull multa jew penali relatati ma' din il-vettura għandhom jitħalsu interament mill-konvenut.

*Rigward kwalsiasi dejn li sar fiż-żwieġ*, il-Qorti tordna li dan għandu jiġi assenjat lil konvenut.

## *Elenku tal-Assi Parafernali u/jew Dotali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Fir-rigward ta' beni li ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll assi dotali u parafernali, mill-atti ma jirriżultax li hemm assi parafernali oħra. Għalhekk il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ta' tali talba.

[86] Fol. 129 – 132.
[87] Fol. 133 – 134.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba moħqrija u nġurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili da parti l-konvenut, dan filwaqt li tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament minn żewġha;

2. Tilqa' it-tieni u r-raba' talba attriċi u tafda l-kura u kustodja ta' F B esklussivament f'idejn fl-attriċi, b'dana illi r-residenza tal-minuri tkun mal-attriċi;

3. Tilqa' it-tielet talba attriċi u tawtorizza lill-attriċi sabiex tieħu waħeda d-deċiżjonijiet kollha relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri mingħajr il-ħtieġa ta' firem tal-konvenut; filwaqt li ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tordna ukoll li l-konvenut jiġi żvestit mill-awtorita' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-attriċi qiegħda tingħata l-awtorita' neċessarja sabiex tieħu dawk id-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari, passaport u safar, hekk kif jidrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi mingħajr ebda awtorita', kunsens jew firma tal-konvenut;

4. Tilqa' il-ħames u s-seba' talba attriċi fir-rigward tal-manteniment għal minuri, u tordna lil konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u hamsa u sebgħin Ewro (€275) kull xahar għal minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu

3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F B sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

5. Tiċħad is-sitt talba attriċi rigward is-somma globali biex tkopri l-bżonnijiet relatati mas-saħħa u edukazzjoni ta F B;

6. Tilqa' it-tmien u d-disa' talba attriċi rigward iż-żamma tal-passaport tal-minuri, l-applikazzjoni u t-tiġdid tiegħu;

7. Tilqa' l-għaxar talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob u/jew jipperċepixx manteniment minngħand l-attriċi;

8. Tiċħad *rebus sic stantibus* il-ħdax-il talba attriċi, stante li fil-preżent ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut u dan ġialadarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti. Madanakollu u fi kwalunkwe l-każ, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment;

9. Tilqa' it-tnax-il talba attriċi u tapplika *in toto* fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta, u tiddikjara li l-konvenut tilef id-dritt li jiret lill-attriċi;

10. Tilqa' limitatament it-tlettax-il talba u dan billi tittermina, ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni*

*tal-Beni Parafernali u/jew* Dotali', filwaqt li tiċħad dik il-parti tat-talba għan-nomina ta' Nutar u kuratur;

11. Tiċħad l-erbatax-il talba fir-rigward tal-assi parafernali u/jew dotali tal-attriċi;

12. Filwaqt li l-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 1220/1995, hija konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawza għandhom jitħalsu mill-konvenut.